Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1512

14.10.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1512

tas-6 ta' Lulju 2026

li jemenda l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/394 fir-rigward ta' formoli, mudelli u proċeduri standard għall-finijiet tal-informazzjoni pprovduta mis-CSDs għall-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni tad-depożitorji ċentrali tat-titoli

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22(11) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2023/2845 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) emenda, fost l-oħrajn, l-Artikolu 22(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 biex jintroduċi rekwiżit ġdid biex l-awtoritajiet kompetenti jirrieżaminaw u jevalwaw l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati minn depożitorju ċentrali tat-titoli (CSD) mill-inqas kull 3 snin. Sabiex jissodisfaw dak ir-rekwiżit, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li xi informazzjoni parzjali jew kollha meħtieġa għal dak ir-rieżami u dik l-evalwazzjoni tiġi pprovduta aktar ta' spiss biex jiġi żgurat li jkollhom biżżejjed informazzjoni fuq bażi kontinwa biex iwettqu s-superviżjoni kontinwa tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirrikjedu li ċerta informazzjoni tiġi pprovduta fuq bażi aktar frekwenti mill-bażi attwalment stabbilita għat-twettiq tal-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni.

(2) Meta jitqies li CSD għandu l-obbligu li jikkonforma f'kull mument mal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, huwa essenzjali li jiġi mmonitorjat mill-qrib il-progress tas-CSD fl-indirizzar ta' kwalunkwe sejba u rakkomandazzjoni pendenti mill-awtoritajiet kompetenti. Dawk is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet jindikaw ċerti dgħufijiet tas-CSD u l-eżistenza fit-tul tagħhom jista' jagħti l-każ li żżid ir-riskji li tali dgħufijiet jimmaterjalizzaw. Għalhekk, is-CSDs jenħtieġ li jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar il-miżuri meħuda biex jindirizzaw dawk is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet pendenti mill-inqas darba fis-sena, anki jekk il-frekwenza tar-rieżami u tal-evalwazzjoni tkun mill-inqas kull 3 snin.

(3) Abbażi tal-esperjenza ta' diversi snin ta' implimentazzjoni tal-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni, huwa meħtieġ li tiġi estiża l-iskadenza biex l-awtoritajiet kompetenti jittrażmettu r-riżultati tar-rieżami u l-evalwazzjoni lil diversi awtoritajiet oħra minn 3 ijiem għal 10 ijiem tax-xogħol biex jippermettu proċessi b'inqas intoppi, b'mod partikolari peress li r-riżultati tal-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni jeħtieġ li jiġu kondiviżi ma' firxa usa' ta' awtoritajiet, f'konformità mal-emendi introdotti mir-Regolament (UE) 2023/2845.

([1]) ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/909/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2023/2845 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 909/2014 fir-rigward tad-dixxiplina tas-saldu, il-forniment ta' servizzi transkonfinali, il-kooperazzjoni superviżorja, il-forniment ta' servizzi anċillari ta' tip bankarju u r-rekwiżiti għal depożitorji ċentrali tat-titoli ta' pajjiżi terzi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L, 2023/2845, 27.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2845/oj).

(4) Sabiex jiġu riflessi l-emendi tal-Artikoli 40, 41 u 42 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/392 ([3]) u sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza tal-proċess ta' rieżami u ta' evalwazzjoni, jenħtieġ li l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/394 ([4]) jiġi emendat b'mod korrispondenti.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/394 jiġi emendat kif xieraq.

(6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA).

(7) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li huma l-bażi ta' dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/394

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/394 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikoli 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Proċedura biex tingħata l-informazzjoni

1. L-awtorità kompetenti għandha tikkomunika lis-CSD, u lill-awtoritajiet rilevanti, lill-ESMA u, fejn applikabbli, lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 24a tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u lill-awtorità msemmija fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE, l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-frekwenza u l-profondità tar-rieżami u l-evalwazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014;

(b) id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-perjodu ta' rieżami msemmi fl-Artikolu 40 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392;

(c) il-lingwa li biha għandha tiġi sottomessa l-informazzjoni kollha;

(d) il-frekwenza tat-trażmissjoni ta' xi informazzjoni jew tal-informazzjoni kollha msemmija fl-Artikolu 40 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392 għall-fini tar-rieżami u tal-evalwazzjoni.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-awtorità kompetenti tista' titlob lis-CSD biex jippreżenta l-istess informazzjoni b'lingwa li hija komuni fid-dinja tal-finanzi internazzjonali.

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/392 tal-11 ta' Novembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar ir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni, superviżorji u operazzjonali għal depożitarji ċentrali tat-titoli (ĠU L 65, 10.3.2017, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/392/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/394 tal-11 ta' Novembru 2016 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar il-formoli u l-proċeduri għall-awtorizzazzjoni, ir-rieżami u l-evalwazzjoni tad-depożitorji ċentrali tat-titoli, għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istat Membru tad-domiċilju u tal-Istat Membru ospitanti, għall-konsultazzjoni tal-awtoritajiet involuti fl-awtorizzazzjoni biex jiġu pprovduti servizzi anċillari ta' tip bankarju, għal aċċess li jinvolvu depożitorji ċentrali tat-titoli, u fir-rigward tal-format tar-rekords li għandhom jinżammu mid-depożitarji tat-titoli ċentrali skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 65, 10.3.2017, p. 145, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/394/oj).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj).

L-awtorità kompetenti għandha tikkomunika lis-CSD, lill-awtoritajiet rilevanti, lill-ESMA u, fejn applikabbli, lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 24a tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u lill-awtorità msemmija fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE, kwalunkwe bidla fl-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, inkluża t-talba għal sottomissjoni aktar frekwenti ta' xi informazzjoni speċifika, mingħajr dewmien żejjed.

2. Sakemm ma jiġix ikkomunikat mod ieħor skont il-paragrafu 1, il-punt (d), ta' dan l-Artikolu, is-CSD għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 40(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392 fi żmien xahrejn mit-tmiem tal-perjodu ta' rieżami.

Artikolu 4

Għoti ta' informazzjoni skont l-Artikolu 22(7) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014

1. Meta jitlestew ir-rieżami u l-evalwazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika, fi żmien 10 ijiem tax-xogħol lill-awtoritajiet imsemmija, l-ESMA u fejn applikabbli, lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 24a tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u lill-awtorità msemmija fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE, ir-riżultati tagħha kif speċifikat fl-Artikolu 44 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392.

2. Meta r-rieżami u l-evalwazzjoni jagħtu lok għal azzjoni ta' rimedju jew penali, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 fi żmien 10 ijiem tax-xogħol wara li tkun ittieħdet dik il-miżura.";

(2) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fi żmien 10 ijiem minn meta jitlestew ir-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, kif notifikat mill-awtorità kompetenti lill-awtoritajiet kompetenti fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika lil dawk l-awtoritajiet kompetenti, ir-riżultati tagħha kif speċifikat fl-Artikolu 45(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392.";

(3) L-Anness II huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS II

Formoli għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni għar-rieżami u għall-evalwazzjoni

(Artikolu 22(11) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014)

Tabella 1

Informazzjoni ġenerali li trid tiġi pprovduta minn CSD

Nru	Tip ta' informazzjoni	Format
1	Data tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni	Id-data skont ISO 8601 fil-format SSSS-XX-JJ
2	Data tal-aħħar rieżami u evalwazzjoni	Id-data skont ISO 8601 fil-format SSSS-XX-JJ
3	Isem korporattiv tas-CSD	Test liberu
4	Identifikazzjoni tas-CSD	Il-kodiċi identifikatur ta' entità ġuridika (LEI) ISO 17442 b'20 karattru alfanumeriku li huwa inkluż fid-data tal-LEI kif ippubblikata mill-Global LEI Foundation. Il-LEI għandu jiġġedded kif dovut skont it-termini ta' kwalunkwe waħda mill-Unitajiet Operattivi Lokali akkreditati tas-Sistema tal-Identifikatur ta' Entità Ġuridika Globali.
5	Indirizz legali tas-CSD	Test liberu
6	Sistema/i ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD	Test liberu
7	Dettalji tal-kuntatt tal-persuna responsabbli għall-proċess tar-rieżami u tal-evalwazzjoni (l-isem, il-kariga, in-numru tat-telefown, l-indirizz elettroniku)	Test liberu
8	Dettalji tal-kuntatt tal-persuna/i responsabbli għall-kontroll intern u l-funzjoni tal-konformità tas-CSD (l-isem, il-funzjoni, in-numru tat-telefown, l-indirizz elettroniku)	Test liberu
9	Lista tad-dokumenti kollha pprovduti mis-CSD b'numri ta' referenza uniċi	Test liberu
10	Rapport dwar l-attivitajiet tas-CSD għall-perjodu ta' rieżami rilevanti u l-bidliet sostantivi msemmija fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, imwettqa matul il-perjodu ta' rieżami u d-dokumenti relatati kollha; ir-rapport għandu jinkludi: (a) ħarsa ġenerali tal-bidliet li seħħew matul il-perjodu ta' rieżami b'rabta ma' dan li ġej: (i) il-forniment tas-servizzi ewlenin u anċillari tas-CSD, skont l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, fl-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu, u kif applikabbli fi Stati Membri oħra u f'pajjiżi terzi; (ii) l-istruttura tal-governanza korporattiva u organizzazzjonali tas-CSD inkluż fl-għadd ta' impjegati espress f'għadd ta' ekwivalenti ta' ingaġġ full-time;	Dokument separat

Nru	Tip ta' informazzjoni	Format
	(iii) il-qafas ta' ġestjoni tar-riskji u r-riżultati mill-valutazzjoni(jiet) tar-riskji mwettqa mis-CSD fir-rigward tar-riskji legali, tan-negozju, operazzjonali u riskji diretti jew indiretti oħrajn imsemmija fl-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, li juru evalwazzjoni kontinwa tax-xenarju li qiegħed jinbidel ta' riskji li jiffaċċja; (iv) l-esternalizzazzjoni mis-CSD tas-servizzi u l-attivitajiet skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014; (b) sommarju ta' livell għoli tal-attivitajiet tal-kumitat tal-utenti msemmi fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, matul il-perjodu ta' rieżami, inkluż l-għadd ta' laqgħat, pariri u opinjonijiet mogħtija, li jindika s-suġġetti tagħhom u jidentifika dawk li ma sarx segwitu tagħhom mill-korp maniġerjali tas-CSD, jekk ikun hemm; (c) il-lista tal-bidliet sostantivi msemmija fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li jkunu saru matul il-perjodu ta' rieżami, inkluż kwalunkwe wieħed mill-avvenimenti li ġejjin, mingħajr ma l-lista tkun limitata għalihom: (i) bidliet fl-istruttura tal-grupp li għalih jappartjeni s-CSD, il-maniġment superjuri, il-korp maniġerjali u l-azzjonisti skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014; (ii) estensjoni ta' attività jew servizz eżistenti għajr fil-kuntest tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, meta d-deskrizzjoni tas-servizzi msemmija fil-punti (l) sa (p) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392 tkun teħtieġ li tiġi emendata; (iii) terminazzjoni ta' servizz tas-CSD; (iv) terminazzjoni ta' konnessjoni ta' CSD, irrispettivament minn jekk is-CSD huwiex is-CSD li jagħmel it-talba jew is-CSD li jirċievi t-talba; (v) bidla fil-qafas ta' ġestjoni tar-riskji tas-CSD li jkollha impatt fuq il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014; (d) dikjarazzjoni tal-konformità ġenerali mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 matul il-perjodu ta' rieżami.	

Tabella 2

Informazzjoni perjodika rilevanti għal kull rieżami u evalwazzjoni

Punt	Tip ta' informazzjoni	In-numru ta' referenza uniku tad-dokument li fih hemm inkluża l-informazzjoni
a	Sett sħiħ tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati l-aktar reċenti tas-CSD, inklużi dawk konsolidati fil-livell tal-grupp	
b	Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji interim l-aktar reċenti tas-CSD	

Punt	Tip ta' informazzjoni	In-numru ta' referenza uniku tad-dokument li fih hemm inkluża l-informazzjoni
c	Kwalunkwe deċiżjoni tal-korp maniġerjali wara l-pariri tal-kumitat tal-utenti, kif ukoll kwalunkwe deċiżjoni fejn il-korp maniġerjali ddeċieda li ma jsegwix il-pariri tal-kumitat tal-utenti	
d	Informazzjoni dwar kwalunkwe proċediment ċivili jew amministrattiv pendenti jew kwalunkwe proċediment ġudizzjarju jew extraġudizzjarju ieħor pendenti li jinvolvi s-CSD, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar it-taxxa u l-insolvenza, jew kwistjonijiet li jistgħu jikkawżaw spejjeż finanzjarji jew ta' reputazzjoni għas-CSD	
e	Informazzjoni dwar kwalunkwe proċediment ċivili jew amministrattiv pendenti jew kwalunkwe proċediment ġudizzjarju jew extraġudizzjarju ieħor pendenti li jinvolvi membru tal-korp maniġerjali jew membru tal-maniġment superjuri li jista' jkollu impatt negattiv fuq is-CSD	
f	Kwalunkwe deċiżjoni finali li tirriżulta mill-proċedimenti msemmija fil-punti (d) u (e)	
g	Kopja tar-riżultati tat-testijiet tal-istress tal-kontinwità tan-negozju jew eżerċizzji simili mwettqa matul il-perjodu ta' rieżami kif imsemmi fl-Artikolu 79 u tar-rieżamijiet tal-awditjar imsemmija fl-Artikolu 76(1), il-punt (b) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392	
h	Rapport dwar l-inċidenti operazzjonali li jkunu seħħew matul il-perjodu ta' rieżami u li affettwaw il-forniment bla intoppi ta' kwalunkwe servizz ewlieni, informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni ta' dawn l-inċidenti, il-miżuri meħuda biex jindirizzawhom u r-riżultati tagħhom kif imsemmija fl-Artikolu 71(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392	
i	Rapport dwar jekk l-objettivi ta' affidabbiltà operazzjonali stabbiliti tas-CSD, inklużi l-objettivi tal-prestazzjoni operazzjonali u l-miri impenjati fil-livell tas-servizz għas-servizzi u s-sistemi ta' saldu tat-titoli tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 70(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392, intlaħqux, inkluża informazzjoni dwar l-azzjonijiet tas-CSD biex jimmonitorjahom, jivvalutahom u jirrapportahom regolarment kif imsemmi fil-paragrafi 5 u 6 tal-Artikolu 70 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392, u valutazzjoni tad-disponibbiltà tas-sistema matul il-perjodu ta' rieżami, imkejla fuq bażi ta' kuljum bħala l-perċentwal tal-ħin li s-sistema tkun operazzjonali u qiegħda titħaddem skont il-parametri miftiehma; għal dan l-iskop, is-CSDs li jużaw infrastruttura tas-saldu komuni jistgħu jipprovdu siltiet mir-rapporti mqiegħda għad-disponibbiltà skont il-qafas legali, regolatorju u operazzjonali msemmi fl-Artikolu 30(5) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014	
j	Sommarju tat-tipi ta' intervent manwali li jkunu saru mis-CSD fil-proċess ta' saldu awtomatizzat skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229 ([1])	

Punt	Tip ta' informazzjoni	In-numru ta' referenza uniku tad-dokument li fih hemm inkluża l-informazzjoni
k	Il-pjanijiet għall-irkupru u l-istralċ ordnat u b'mod partikolari informazzjoni dwar kwalunkwe bidla sinifikanti fil-pjanijiet tiegħu għall-irkupru u l-istralċ ordnat u, kif applikabbli, kwalunkwe bidla sinifikanti fil-pjan ta' riżoluzzjoni tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 22a tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, li tkun seħħet matul il-perjodu ta' rieżami	
l	Informazzjoni dwar kwalunkwe lment formali rċevut mis-CSR matul il-perjodu ta' rieżami inkluża informazzjoni dwar: (i) in-natura tal-ilment; (ii) kif l-ilment ġie indirizzat, inkluż l-eżitu tal-ilment; u (iii) id-data meta t-trattament tal-ilment ġie fi tmiemu.	
m	Informazzjoni li tikkonċerna l-każijiet fejn is-CSD ċaħad l-aċċess għas-servizzi tiegħu lil kwalunkwe parteċipant eżistenti jew potenzjali, lil kwalunkwe emittent, lil CSD ieħor jew lil infrastruttura tas-suq oħra	
n	Rapport dwar il-bidliet sinifikanti li jaffettwaw kwalunkwe konnessjoni ta' CSD stabbilita mis-CSD li għandhom impatt fuq ir-rekwiżiti msemmija fil-Kapitolu XII tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392, inklużi bidliet fit-tip ta' konnessjoni ta' CSD u fil-mekkaniżmi u l-proċeduri użati għas-saldu f'dawk il-konnessjonijiet ta' CSD	
o	Informazzjoni li tikkonċerna l-każijiet kollha tal-kunflitti ta' interess identifikati li seħħew matul il-perjodu ta' rieżami, inkluża d-deskrizzjoni ta' kif ġew ġestiti	
p	Informazzjoni dwar il-kontrolli u l-awditi interni mwettqa mis-CSD matul il-perjodu ta' rieżami, inkluża informazzjoni dwar l-awditu tas-sistemi u l-qafas ta' ġestjoni tar-riskji operazzjonali tas-CSD kif imsemmi fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u fl-Artikolu 73(1) u (2) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392 kif ukoll awditi regolari u indipendenti tas-CSD kif imsemmi fl-Artikolu 26(6) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u fl-Artikoli 51 u 52(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392	
q	Informazzjoni li tikkonċerna kwalunkwe ksur identifikat tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, inkluż dak identifikat permezz tal-mezz ta' rappurtar imsemmi fl-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014	
r	Informazzjoni dettaljata li tikkonċerna kwalunkwe azzjoni dixxiplinari meħuda mis-CSD matul il-perjodu ta' rieżami, inkluż kwalunkwe każ ta' sospensjoni ta' parteċipanti f'konformità mal-Artikolu 7(7) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 flimkien ma' speċifikazzjoni tal-perjodu ta' sospensjoni u r-raġuni għal din is-sospensjoni	
s	L-istrateġija ġenerali tan-negozju tas-CSD u pjan ta' negozju dettaljat għas-servizzi pprovduti mis-CSD li jkopri mill-inqas il-perjodu ta' rieżami li jmiss	

Punt	Tip ta' informazzjoni	In-numru ta' referenza uniku tad-dokument li fih hemm inkluża l-informazzjoni
t	Informazzjoni dwar il-bidliet li seħħew matul il-perjodu ta' rieżami fil-ġestjoni tar-riskju legali tas-CSD kif imsemmi fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u fl-Artikolu 31 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392	
u	Informazzjoni dwar il-bidliet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tar-riskji tas-CSD kif ukoll fl-għodod tal-IT stabbiliti mis-CSD għall-ġestjoni tar-riskji tan-negozju msemmija fl-Artikolu 32(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392, li seħħew matul il-perjodu ta' rieżami	
v	Meta s-CSD ikun kiseb klassifikazzjoni tar-riskju minn parti terza kif imsemmi fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392, informazzjoni dwar kwalunkwe varjazzjoni fil-klassifikazzjoni tar-riskju li s-CSD kiseb minn parti terza matul il-perjodu ta' rieżami, inkluża kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tappoġġa dik il-klassifikazzjoni tar-riskju	
w	Informazzjoni dwar il-bidliet li seħħew matul il-perjodu ta' rieżami fil-ġestjoni tas-CSD tas-servizzi jew l-attivitajiet esternalizzati lil parti terza kif imsemmi fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, inkluża l-kondiviżjoni tal-persunal skont l-Artikolu 49 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392, u l-metodi użati għall-monitoraġġ tal-livell ta' servizz tas-servizzi u l-attivitajiet esternalizzati msemmija fl-Artikolu 33(2) tal-istess Regolament	
x	Rapport dwar il-bidliet li seħħew matul il-perjodu ta' rieżami fil-kejl, il-monitoraġġ u l-ġestjoni tar-riskji tal-kreditu u tal-likwidità li jirriżultaw mill-użu ta' saldu nett differit kif imsemmi fl-Artikolu 47a(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014	
y	Informazzjoni dwar l-azzjonijiet tas-CSD li ttieħdu matul il-perjodu ta' rieżami biex jirrieżamina l-objettivi operazzjonali tiegħu sabiex jinkorpora żviluppi ġodda teknoloġiċi u tan-negozju kif imsemmi fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u fl-Artikolu 70(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392	
z	Informazzjoni dwar il-valutazzjoni mis-CSD tar-riskju operazzjonali li s-CSD iffaċċja matul il-perjodu ta' rieżami, fuq bażi kontinwa, bil-forniment ta' rapportar regolari lill-maniġment superjuri tal-iskoperturi tar-riskji operazzjonali u t-telf imġarrab mir-riskji operazzjonali (inklużi r-riskji operazzjonali li s-CSD jiffaċċja minn parteċipanti ewlenin), u l-proċeduri segwiti matul il-perjodu rieżaminat sabiex jiġu mmitigati dawk l-iskoperturi u t-telf kif imsemmi fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u fl-Artikoli 66(2), 67(4) u 71(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392	
aa	Informazzjoni dwar l-eżitu tat-testijiet u r-rieżamijiet tas-CSD tal-arranġamenti, il-politiki u l-proċeduri operazzjonali tiegħu mal-utenti, imsemmija fl-Artikolu 73(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392, li seħħew matul il-perjodu ta' rieżami	

Punt	Tip ta' informazzjoni	In-numru ta' referenza uniku tad-dokument li fih hemm inkluża l-informazzjoni
ab	Informazzjoni dwar aġġornamenti tal-analiżi tal-impatt fuq in-negozju u l-analiżi analiżi tar-riskji tan-negozju tas-CSD matul il-perjodu ta' rieżami, li jirriżultaw mir-rieżami annwali tiegħu jew inkella minn kwalunkwe rieżami *ad hoc* wara inċident materjali jew bidliet operazzjonali sinifikanti u filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi rilevanti kollha, inklużi l-iżviluppi tas-suq u tal-IT kif imsemmi fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u fl-Artikolu 77(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392	
ac	Informazzjoni dwar l-iżviluppi li seħħew fir-rigward tal-miżuri tas-CSD għall-prevenzjoni u l-indirizzar ta' fallimenti tas-saldu kif imsemmi fl-Artikoli 6(3) u (4) u 7(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u fl-Artikoli 4 sa 15 tar-Regolament Delegat (UE) 2018/1229	
ad	Informazzjoni dwar l-eżitu tal-ittestjar tas-CSD tal-proċeduri u r-regoli dwar l-inadempjenza tal-parteċipanti, kif imsemmi fl-Artikolu 41(3) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, li seħħ matul il-perjodu ta' rieżami	
ae	Informazzjoni dwar ir-rieżami jew l-aġġornament tal-politika ta' kontinwità tan-negozju tas-CSD u l-pjan tiegħu ta' rkupru minn diżastru, imsemmija taħt l-Artikolu 80 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392, li seħħew matul il-perjodu ta' rieżami	
af	Informazzjoni dwar il-miżuri jew l-għodod li s-CSD uża matul il-perjodu ta' rieżami biex jikkundizzjona l-konsenja ta' titoli għall-ħlas tal-parti ta' flus operata barra mis-sistema tiegħu għal struzzjonijiet ta' saldu mingħajr ħlas, jekk ikun hemm	
ag	informazzjoni dwar il-progress li jkun kiseb is-CSD fl-indirizzar tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet pendenti fformulati fl-awtorizzazzjoni jew f'rieżamijiet u evalwazzjonijiet preċedenti tas-CSD f'konformità mal-Artikolu 22(9) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014	

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229 tal-25 ta' Mejju 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dixxiplina tas-saldu (ĠU L 230, 13.9.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2018/1229/oj).

Tabella 3

***Data* statistika**

Punt	Tip ta' *data*	Format
a	Lista tal-parteċipanti ta' kull sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD, li tispeċifika: — il-pajjiż ta' inkorporazzjoni tagħhom; — il-kodiċi LEI tagħhom; — l-isem korporattiv tagħhom.	Għal kull parteċipant: — Il-kodiċi ISO 3166 b'2 karattri tal-pajjiż — Il-kodiċi identifikatur ta' entità ġuridika (LEI) ISO 17442 b'20 karattru alfanumeriku li huwa inkluż fid-data tal-LEI kif ippubblikata mill-Global LEI Foundation. Il-LEI għandu jiġġedded kif dovut skont it-termini ta' kwalunkwe waħda mill-Unitajiet Operattivi Lokali akkreditati tas-Sistema tal-Identifikatur ta' Entità Ġuridika Globali. — L-isem korporattiv

Punt	Tip ta' *data*	Format
b	Lista tal-emittenti li għalihom is-CSD jipprovdi s-servizz imsemmi fil-punt (1) tat-Taqsima A tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, li tispeċifika: — il-pajjiż ta' inkorporazzjoni tagħhom; — il-kodiċi LEI tagħhom; — l-isem korporattiv tagħhom.	Għal kull emittent: — Il-kodiċi ISO 3166 b'2 karattri tal-pajjiż — Il-kodiċi identifikatur ta' entità ġuridika (LEI) ISO 17442 b'20 karattru alfanumeriku li huwa inkluż fid-data tal-LEI kif ippubblikata mill-Global LEI Foundation. Il-LEI għandu jiġġedded kif dovut skont it-termini ta' kwalunkwe waħda mill-Unitajiet Operattivi Lokali akkreditati tas-Sistema tal-Identifikatur ta' Entità Ġuridika Globali. — L-isem korporattiv
ba	Lista ta' ħruġ ta' titoli rreġistrati f'kontijiet ta' titoli miżmuma ċentralment f'kull SSS imħaddma mis-CSD, li tispeċifika: — il-kodiċi ISIN tat-titoli — il-pajjiż ta' inkorporazzjoni tal-emittent — il-pajjiż tal-liġi korporattiva regolatorja jew dik simili li taħtha jinħarġu t-titoli — il-kodiċi LEI tal-emittent u — l-isem korporattiv tal-emittent	Għal kull ħruġ ta' titolu: — Il-kodiċi ISIN ISO 6166 bi 12-il karattru alfanumeriku — Il-kodiċi ISO 3166 b'2 karattri tal-pajjiż tal-emittent — Il-kodiċi ISO 3166 b'2 karattri tal-pajjiż tal-liġi regolatorja tat-titoli — Il-kodiċi identifikatur ta' entità ġuridika (LEI) ISO 17442 b'20 karattru alfanumeriku tal-emittent — L-isem korporattiv tal-emittent
bb	Lista ta' ħruġ ta' titoli rreġistrati f'kontijiet ta' titoli mhux miżmuma ċentralment f'kull sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD, li tispeċifika: — il-kodiċi ISIN tat-titoli — il-pajjiż ta' inkorporazzjoni tal-emittent — il-kodiċi LEI tal-emittent u — l-isem korporattiv tal-emittent	Għal kull ħruġ ta' titolu: — Il-kodiċi ISIN ISO 6166 bi 12-il karattru alfanumeriku — Il-kodiċi ISO 3166 b'2 karattri tal-pajjiż tal-emittent — Il-kodiċi identifikatur ta' entità ġuridika (LEI) ISO 17442 b'20 karattru alfanumeriku tal-emittent — L-isem korporattiv tal-emittent
c	Il-valur tas-suq totali u l-valur nominali tat-titoli rreġistrati fil-kontijiet tat-titoli b'mod ċentrali u mhux b'mod ċentrali, miżmuma f'kull sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD	Il-valur nominali tat-titoli: sa massimu ta' 25 karattru numeriku inkluż sa 5 pożizzjonijiet deċimali. Jekk il-valur ikollu aktar minn ħames ċifri wara d-deċimali, il-kontropartijiet li jirrapportaw għandhom jittondjaw minnofs 'il fuq. Il-marka deċimali ma titqiesx bħala karattru numeriku. Jekk titniżżel, din għandha tkun rappreżentata b'punt. Il-valur tas-suq tat-titoli: sa massimu ta' 25 karattru numeriku inkluż sa 5 pożizzjonijiet deċimali. Jekk il-valur ikollu aktar minn ħames ċifri wara d-deċimali, il-kontropartijiet li jirrapportaw għandhom jittondjaw minnofs 'il fuq. Il-marka deċimali ma titqiesx bħala karattru numeriku. Jekk titniżżel, din għandha tkun rappreżentata b'punt.
d	Il-valur nominali u l-valur tas-suq tat-titoli msemmija fil-punt (c) diviżi kif ġej: (i) skont it-tip ta' strumenti finanzjarji, kif ġej: (1) titoli trasferibbli msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (44)(a), tad-Direttiva 2014/65/UE; (2) dejn sovran imsemmi fl-Artikolu 4(1), il-punt (61), tad-Direttiva 2014/65/UE;	Għal kull tip ta' strument finanzjarju: (i) SHRS (jew kodiċijiet aktar granulari kif ipprovduti mis-CSD) — titoli trasferibbli msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (44)(a) tad-Direttiva 2014/65/UE (ii) SOVR (jew kodiċijiet aktar granulari kif ipprovduti mis-CSD) — dejn sovran imsemmi fl-Artikolu 4(1), il-punt (61) tad-Direttiva 2014/65/UE;

Punt	Tip ta' *data*	Format
	(3) titoli trasferibbli msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (44)(b) tad-Direttiva 2014/65/UE, minbarra d-dejn sovran imsemmi taħt il-punt (2) hawn fuq; (4) titoli trasferibbli msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (44)(c), tad-Direttiva 2014/65/UE; (5) fondi negozjati fil-borża (ETFs) imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (46) tad-Direttiva 2014/65/UE; (6) unitajiet f'impriżi ta' investiment kollettiv, minbarra l-ETFs; (7) strumenti tas-suq monetarju, minbarra d-dejn sovran imsemmi taħt il-punt (2) hawn fuq; (8) kwoti tal-emissjonijiet; (9) strumenti finanzjarji oħra; (ii) skont il-pajjiż ta' inkorporazzjoni tal-parteċipant li lilu jiġu pprovduti s-servizzi; (iii) skont il-pajjiż ta' inkorporazzjoni tal-emittent tagħhom; (iv) skont il-pajjiż tal-liġi korporattiva regolatorja jew dik simili li taħtha jinħarġu.	(iii) DEBT (jew kodiċi aktar granulari kif ipprovduti mis-CSD) — titoli trasferibbli msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (44)(b) tad-Direttiva 2014/65/UE, minbarra dawk imsemmija taħt il-punt (ii); (iv) SECU (jew kodiċijiet aktar granulari kif ipprovduti mis-CSD) — titoli trasferibbli msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (44)(c) tad-Direttiva 2014/65/UE; (v) ETFS (jew kodiċijiet aktar granulari kif ipprovduti mis-CSD) — fondi negozjati fil-borża (ETFs); (vi) UCIT (jew kodiċijiet aktar granulari kif ipprovduti mis-CSD) — unitajiet f'impriżi ta' investiment kollettiv, minbarra l-ETFs; (vii) MMKT (jew kodiċijiet aktar granulari kif ipprovduti mis-CSD) — strumenti tas-suq monetarju, minbarra dawk imsemmija taħt il-punt (ii); (viii) EMAL (jew kodiċijiet aktar granulari kif ipprovduti mis-CSD) — kwoti tal-emissjonijiet; (ix) OTHR (jew kodiċijiet aktar granulari kif ipprovduti mis-CSD) — oħrajn skont il-pajjiż ta' inkorporazzjoni tal-parteċipant (il-kodiċi ISO 3166 b'2 karattri tal-pajjiż)/il-pajjiż ta' inkorporazzjoni tal-emittent (il-kodiċi ISO 3166 b'2 karattri tal-pajjiż)/il-pajjiż tal-liġi regolatorja (il-kodiċi ISO 3166 b'2 karattri tal-pajjiż): Il-valur nominali tat-titoli: sa massimu ta' 25 karattru numeriku inkluż sa 5 pożizzjonijiet deċimali. Jekk il-valur ikollu aktar minn ħames ċifri wara d-deċimali, il-kontropartijiet li jirrapportaw għandhom jittondjaw minnofs 'il fuq. Il-marka deċimali ma titqiesx bħala karattru numeriku. Jekk titniżżel, din għandha tkun rappreżentata b'punt. Il-valur tas-suq tat-titoli: sa massimu ta' 25 karattru numeriku inkluż sa 5 pożizzjonijiet deċimali. Jekk il-valur ikollu aktar minn ħames ċifri wara d-deċimali, il-kontropartijiet li jirrapportaw għandhom jittondjaw minnofs 'il fuq. Il-marka deċimali ma titqiesx bħala karattru numeriku. Jekk titniżżel, din għandha tkun rappreżentata b'punt.
e	Il-valur nominali u l-valur tas-suq tat-titoli inizjalment irreġistrati f'kull sistema tas-saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD	Il-valur nominali tat-titoli: sa massimu ta' 25 karattru numeriku inkluż sa 5 pożizzjonijiet deċimali. Jekk il-valur ikollu aktar minn ħames ċifri wara d-deċimali, il-kontropartijiet li jirrapportaw għandhom jittondjaw minnofs 'il fuq. Il-marka deċimali ma titqiesx bħala karattru numeriku. Jekk titniżżel, din għandha tkun rappreżentata b'punt. Il-valur tas-suq tat-titoli: sa massimu ta' 25 karattru numeriku inkluż sa 5 pożizzjonijiet deċimali. Jekk il-valur ikollu aktar minn ħames ċifri wara d-deċimali, il-kontropartijiet li jirrapportaw għandhom jittondjaw minnofs 'il fuq. Il-marka deċimali ma titqiesx bħala karattru numeriku. Jekk titniżżel, din għandha tkun rappreżentata b'punt.

Punt	Tip ta' *data*	Format
f	Il-valur nominali u l-valur tas-suq tat-titoli msemmija fil-punt (e) hawn fuq, diviżi kif ġej: (i) skont it-tipi ta'strumenti finanzjarji; (ii) skont il-pajjiż ta' inkorporazzjoni tal-parteċipant; (iii) skont il-pajjiż ta' inkorporazzjoni tal-emittent. (iv) skont il-pajjiż tal-liġi korporattiva regolatorja jew dik simili li taħtha jinħarġu.	Għal kull tip ta' strument finanzjarju (kif imsemmi fil-punt (d)/il-pajjiż ta' inkorporazzjoni tal-parteċipant (il-kodiċi ISO 3166 b'2 karattri tal-pajjiż)/il-pajjiż ta' inkorporazzjoni tal-emittent (il-kodiċi ISO 3166 b'2 karattri tal-pajjiż)/il-pajjiż tal-liġi regolatorja (il-kodiċi ISO 3166 b'2 karattri tal-pajjiż): Il-valur nominali tat-titoli: sa massimu ta' 25 karattru numeriku inkluż sa 5 pożizzjonijiet deċimali. Jekk il-valur ikollu aktar minn ħames ċifri wara d-deċimali, il-kontropartijiet li jirrapportaw għandhom jittondjaw min-nofs 'il fuq. Il-marka deċimali ma titqiesx bħala karattru numeriku. Jekk titniżżel, din għandha tkun rappreżentata b'punt. Il-valur tas-suq tat-titoli: sa massimu ta' 25 karattru numeriku inkluż sa 5 pożizzjonijiet deċimali. Jekk il-valur ikollu aktar minn ħames ċifri wara d-deċimali, il-kontropartijiet li jirrapportaw għandhom jittondjaw min-nofs 'il fuq. Il-marka deċimali ma titqiesx bħala karattru numeriku. Jekk titniżżel, din għandha tkun rappreżentata b'punt.
g	L-għadd totali u l-valur totali tal-istruzzjonijiet ta' saldu kontra pagament flimkien mal-għadd totali u l-valur tas-suq totali tal-istruzzjonijiet ta' saldu mingħajr ħlas jew, jekk mhux disponibbli, il-valur nominali tal-istruzzjonijiet ta' saldu mingħajr ħlas stabbilit f'kull sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD	L-għadd tal-istruzzjonijiet ta' saldu saldati f'kull sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD: sa 20 karattru numeriku rrapportati bħala numri sħaħ mingħajr deċimali. Il-valur tal-istruzzjonijiet ta' saldu saldati f'kull sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD: sa massimu ta' 25 karattru numeriku inkluż sa 5 pożizzjonijiet deċimali. Jekk il-valur ikollu aktar minn ħames ċifri wara d-deċimali, il-kontropartijiet li jirrapportaw għandhom jittondjaw min-nofs 'il fuq. Il-marka deċimali ma titqiesx bħala karattru numeriku. Jekk titniżżel, din għandha tkun rappreżentata b'punt.
h	L-għadd totali u l-valur totali tal-istruzzjonijiet ta' saldu msemmija fil-punt g diviżi kif ġej: (i) skont it-tipi ta' strumenti finanzjarji msemmija fil-punt (d); (ii) skont il-pajjiż ta' inkorporazzjoni tal-parteċipant; (iii) skont il-pajjiż ta' inkorporazzjoni tal-emittent; (iiia) skont il-pajjiż tal-liġi korporattiva regolatorja jew dik simili li taħtha jinħarġu l-istrumenti finanzjarji (iv) skont il-munita tas-saldu; (v) skont it-tip ta' struzzjonijiet ta' saldu, kif ġej: (1) struzzjonijiet ta' saldu mingħajr ħlas li jikkonsistu minn struzzjonijiet ta' saldu b'kunsenja mingħajr ħlas (DFP) u li jiġu riċevuti mingħajr ħlas (RFP); (2) struzzjonijiet ta' saldu permezz ta' kunsenja kontra ħlas (DVP) u li jiġu riċevuti kontra ħlas (RVP);	Għal kull tip ta' strument finanzjarju (kif imsemmi fil-punt (d)/il-pajjiż ta' inkorporazzjoni tal-parteċipant (il-kodiċi ISO 3166 b'2 karattri tal-pajjiż)/il-pajjiż ta' inkorporazzjoni tal-emittent (il-kodiċi ISO 3166 b'2 karattri tal-pajjiż)/il-pajjiż tal-liġi regolatorja (il-kodiċi ISO 3166 b'2 karattri tal-pajjiż)/il-munita tas-saldu (il-Kodiċi tal-Munita ISO 4217, kodiċi bi 3 ittri alfabetiċi)/it-tip ta' struzzjoni ta' saldu (DVP/RVP/DFP/RFP/DWP/RWP/PFOD)/saldu fi flus ta' bank ċentrali (CBM)/flus ta' bank kummerċjali (COM): L-għadd tal-istruzzjonijiet ta' saldu saldati f'kull sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD: sa 20 karattru numeriku rrapportati bħala numri sħaħ mingħajr deċimali. Il-valur tal-istruzzjonijiet ta' saldu saldati f'kull sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD: sa massimu ta' 25 karattru numeriku inkluż sa 5 pożizzjonijiet deċimali. Jekk il-valur ikollu aktar minn ħames ċifri wara d-deċimali, il-kontropartijiet li jirrapportaw għandhom jittondjaw min-nofs 'il fuq. Il-marka deċimali ma titqiesx bħala karattru numeriku. Jekk titniżżel, din għandha tkun rappreżentata b'punt.

Punt	Tip ta' *data*	Format
	(3) struzzjonijiet ta' saldu permezz ta' kunsenja mal-ħlas (DWP) u li jiġu riċevuti mal-ħlas (RWP); (4) struzzjonijiet ta' saldu ta' ħlas mingħajr kunsenja (PFOD). (vi) għal struzzjonijiet ta' saldu li għandhom parti li tikkonsisti fi flus kontanti, billi s-saldu fi flus jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 40(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jew f'konformità mal-Artikolu 40(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014	
i	L-għadd u l-valur ta' tranżazzjonijiet ta' xiri sfurzat imsemmija fl-Artikolu 7a tar-Regolament (UE) Nru 909/2014	L-għadd ta' tranżazzjonijiet ta' xiri sfurzat: sa 20 karattru numeriku rrapportati bħala numri sħaħ mingħajr deċimali. Il-valur ta' tranżazzjonijiet ta' xiri sfurzat: sa massimu ta' 25 karattru numeriku inkluż sa 5 pożizzjonijiet deċimali. Jekk il-valur ikollu aktar minn ħames ċifri wara d-deċimali, il-kontropartijiet li jirrapportaw għandhom jittondjaw min-nofs 'il fuq. Il-marka deċimali ma titqiesx bħala karattru numeriku. Jekk titniżżel, din għandha tkun rappreżentata b'punt.
j	L-għadd u l-ammont ta' penali msemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għal kull parteċipant tas-CSD	Għal kull parteċipant tas-CSD: L-għadd ta' penali: sa 20 karattru numeriku rrapportati bħala numri sħaħ mingħajr deċimali. L-ammont ta' penali: sa massimu ta' 25 karattru numeriku inkluż sa 5 pożizzjonijiet deċimali. Jekk il-valur ikollu aktar minn ħames ċifri wara d-deċimali, il-kontropartijiet li jirrapportaw għandhom jittondjaw min-nofs 'il fuq. Il-marka deċimali ma titqiesx bħala karattru numeriku. Jekk titniżżel, din għandha tkun rappreżentata b'punt.
k	Meta applikabbli, il-valur totali ta' operazzjonijiet ta' teħid u ta' għoti b'self ta' titoli pproċessati mis-CSD li jaġixxi bħala aġent u bħala prinċipal, skont il-każ, diviż bit-tip ta' strumenti finanzjarji msemmija fil-punt (d) hawn fuq	Għal kull tip ta' strument finanzjarju (kif imsemmi fil-punt (d)), il-valur tal-operazzjonijiet ta' teħid u ta' għoti b'self ta' titoli pproċessati minn: (i) CSD li jaġixxi bħala aġent: sa massimu ta' 25 karattru numeriku inkluż sa 5 pożizzjonijiet deċimali. Jekk il-valur ikollu aktar minn ħames ċifri wara d-deċimali, il-kontropartijiet li jirrapportaw għandhom jittondjaw min-nofs 'il fuq. Il-marka deċimali ma titqiesx bħala karattru numeriku. Jekk titniżżel, din għandha tkun rappreżentata b'punt. Is-simbolu tan-negattiv, jekk jitniżżel, ma jgħoddx bħala karattru numeriku. (ii) CSD li jaġixxi bħala prinċipal: sa massimu ta' 25 karattru numeriku inkluż sa 5 pożizzjonijiet deċimali. Jekk il-valur ikollu aktar minn ħames ċifri wara d-deċimali, il-kontropartijiet li jirrapportaw għandhom jittondjaw min-nofs 'il fuq. Il-marka deċimali ma titqiesx bħala karattru numeriku. Jekk titniżżel, din għandha tkun rappreżentata b'punt. Is-simbolu tan-negattiv, jekk jitniżżel, ma jgħoddx bħala karattru numeriku.

Punt	Tip ta' *data*	Format
l	L-għadd totali u l-valur totali tal-istruzzjonijiet ta' saldu saldati permezz ta' kull konnessjoni ta' CSD, filwaqt li jiġi speċifikat: (i) is-CSD konness (il-pajjiż tal-inkorporazzjoni tiegħu, il-LEI tiegħu u l-isem korporattiv tiegħu) u, jekk is-CSD iħaddem bosta minnhom, is-sistema ta' saldu tat-titoli konnessi; (ii) it-tip ta' konnessjoni, kif ġej: (1) standard, skont l-Artikolu 2(1), il-punt (30) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014; (2) personalizzata, skont l-Artikolu 2(1), il-punt (31) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, għal kull parteċipant; (3) indiretta, skont l-Artikolu 2(1), il-punt (32) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014; (4) interoperabbli, skont l-Artikolu 2(1), il-punt (33) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014; (iii) jekk is-CSD huwiex is-CSD li jagħmel it-talba jew is-CSD li jirċievi t-talba; għal dan l-iskop, is-CSD li jirċievi t-talba għandu jitqies is-CSD li jipprovdi s-servizz imsemmi fil-punt (1) tat-Taqsima A tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.	Għal kull konnessjoni identifikata permezz tas-CSD konness (għal kull CSD: il-pajjiż tal-inkorporazzjoni tas-CSD konness (il-kodiċi ISO 3166 b'2 karattri tal-pajjiż)/il-kodiċi identifikatur ta' entità ġuridika (LEI) ISO 17442 b'20 karattru alfanumeriku/l-isem korporattiv) u t-tip ta' konnessjoni (standard/personalizzata/indiretta/interoperabbli): (i) Il-perspettiva tas-CSD li jagħmel it-talba: L-għadd ta' struzzjonijiet ta' saldu saldati permezz ta' tali konnessjoni ta' CSD: sa 20 karattru numeriku rrapportati bħala numri sħaħ mingħajr deċimali. Il-valur tal-għadd ta' struzzjonijiet ta' saldu saldati permezz ta' tali konnessjoni ta' CSD: sa massimu ta' 25 karattru numeriku inkluż sa 5 pożizzjonijiet deċimali. Jekk il-valur ikollu aktar minn ħames ċifri wara d-deċimali, il-kontropartijiet li jirrapportaw għandhom jittondjaw min-nofs 'il fuq. Il-marka deċimali ma titqiesx bħala karattru numeriku. Jekk titniżżel, din għandha tkun rappreżentata b'punt. (ii) Il-perspettiva tas-CSD li jirċievi t-talba: L-għadd ta' struzzjonijiet ta' saldu saldati permezz ta' tali konnessjoni ta' CSD: sa 20 karattru numeriku rrapportati bħala numri sħaħ mingħajr deċimali. Il-valur tal-għadd ta' struzzjonijiet ta' saldu saldati permezz ta' tali konnessjoni ta' CSD: sa massimu ta' 25 karattru numeriku inkluż sa 5 pożizzjonijiet deċimali. Jekk il-valur ikollu aktar minn ħames ċifri wara d-deċimali, il-kontropartijiet li jirrapportaw għandhom jittondjaw min-nofs 'il fuq. Il-marka deċimali ma titqiesx bħala karattru numeriku. Jekk titniżżel, din għandha tkun rappreżentata b'punt.
m	Meta applikabbli, il-valur tal-garanziji u l-impenji tas-CSD relatati mal-operazzjonijiet ta' teħid u ta' għoti b'self ta' titoli	Sa massimu ta' 25 karattru numeriku inkluż sa 5 pożizzjonijiet deċimali. Jekk il-valur ikollu aktar minn ħames ċifri wara d-deċimali, il-kontropartijiet li jirrapportaw għandhom jittondjaw min-nofs 'il fuq. Il-marka deċimali ma titqiesx bħala karattru numeriku. Jekk titniżżel, din għandha tkun rappreżentata b'punt. Is-simbolu tan-negattiv, jekk jitniżżel, ma jgħoddx bħala karattru numeriku.
n	Meta applikabbli, il-valur tal-attivitajiet tat-teżor tas-CSD li jinvolvu l-kambju f'munita barranija u titoli trasferibbli b'rabta mal-ġestjoni ta' bilanċi twal tal-parteċipanti inklużi kategoriji ta' istituzzjonijiet li l-bilanċi twal tagħhom huma ġestiti mis-CSD	Sa massimu ta' 25 karattru numeriku inkluż sa 5 pożizzjonijiet deċimali. Jekk il-valur ikollu aktar minn ħames ċifri wara d-deċimali, il-kontropartijiet li jirrapportaw għandhom jittondjaw min-nofs 'il fuq. Il-marka deċimali ma titqiesx bħala karattru numeriku. Jekk titniżżel, din għandha tkun rappreżentata b'punt. Is-simbolu tan-negattiv, jekk jitniżżel, ma jgħoddx bħala karattru numeriku.
o	L-għadd ta' problemi ta' rikonċiljazzjoni li setgħu rriżultaw minħabba l-holqien jew it-tħassir bla bżonn ta' titoli fil-ħruġ miżmum mis-CSD li ssodisfaw l-Artikolu 65(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392	Sa 20 karattru numeriku rrapportati bħala numri sħaħ mingħajr deċimali.

Punt	Tip ta' *data*	Format
p	Il-medja, il-medjan, u l-moda għat-tul ta' żmien meħud biex l-iżball identifikat jiġi rimedjat skont l-Artikolu 65(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392	Medja: sa 20 karattru numeriku inklużi d-deċimali (filwaqt li jiġi speċifikat it-tul ta' żmien bl-użu tal-kodiċijiet ISO 20022 (DASD/HOUR/MNUT)). Medjan: sa 20 karattru numeriku inklużi d-deċimali (filwaqt li jiġi speċifikat it-tul ta' żmien bl-użu tal-kodiċijiet ISO 20022 (DASD/HOUR/MNUT)). Moda: sa 20 karattru numeriku inklużi d-deċimali (filwaqt li jiġi speċifikat it-tul ta' żmien bl-użu tal-kodiċijiet ISO 20022 (DASD/HOUR/MNUT)).”